Talbiet

— tiddikjara dan l-appell ammissibbli u fondat;

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Settembru 2014 fil-Kawża T-471/11, *Editions Odile Jacob SAS vs Il-Kummissjoni Ewropea*, u tiddeċiedi fuq it-tilwima li hija s-suġġett tagħha;

— tilqa' t-talbiet ippreżentati mir-rikorrenti fl-ewwel istanza u, għalhekk, tannulla d-Deċiżjoni Nru°SG-Greffe(2011) D/C (2011)3503 tat-13 ta' Mejju 2011, adottata fil-Kawża COMP/M.2978 *Lagardère/Natexis/VUP* wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010 fil-Kawża T-452/04, *Editions Odile Jacob vs Il-Kummissjoni Ewropea*, u permezz tagħha l-Kummissjoni approvat għal darb'oħra Wendel bħala x-xerrej tal-attivi ttrasferiti skont impenji marbutin mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Jannar 2004 li tawtorizza l-operazzjoni ta' konċentrazzjoni Lagardère/Natexis/VUP;

— tikkundanna l-Kummissjoni Ewropea u l-partijiet intervenjenti għall-ħlas tal-ispejjeż taż-żewġ istanzi, inkluż dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji u mal-proċeduri għal rettifika.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet aggravji.

Fl-ewwel lok, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi naqset milli tikkonstata li l-Kummmissjoni kisret l-Artikolu 266 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Id-difett li jaffettwa l-legalità tal-ewwel deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni vvizzja wkoll b'illegalità d-deċiżjoni kkontestata peress li din tal-aħħar ma kinitx se tirrimedja għall-effetti tan-nuqqas ta' indipendenza tal-mandatarju matul it-totalità tal-missjoni tiegħu. Konsegwentement, l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi, skont l-appellanti, ksur tar-regoli li jirregolaw id-dritt għal smigħ xieraq u tiċħad l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' atti tagħha.

Fit-tieni lok, l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi qieset li d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni kundizzjonali setgħet tikkostitwixxi bażi legali għal deċiżjoni ġdida ta' awtorizzazzjoni.

Fl-aħħar nett, l-appellanti tilmenta li l-Qorti Ġenerali injorat il-kriterji legali għal evalwazzjoni tal-indipendenza taċ-ċessjonarju ta' attivi ttrasferiti fir-rigward taċ-ċedenti u wettqet żbalji ta' liġi u żnaturament tal-fatti marbutin ma' din l-evalwazzjoni.

Appell ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2014 minn Schutzgemeinschaft Milch und Milcherzeugniss e. V. mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-3 ta' Settembru 2014 fil-Kawża T-112/11 – Schutzgemeinschaft Milch und Milcherzeugnisse e.V. vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-517/14 P)

(2015/C 026/20)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Schutzgemeinschaft Milch und Milcherzeugnisse e.V. (rappreżentanti: M. Loschelder, V. Schoene, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummisjoni Ewropea, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, Nederlandse Zuivelorganisatie

Talbiet tal-appellanti

— tannulla d-digriet appellat u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1121/2010, tat-2 ta' Diċembru 2010, li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Edam Holland (IĠP)] ([1]);

— sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali,

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-appellanti fil-proċedura tal-ewwel istanza u fl-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju: Il-Qorti Ġenerali hija tal-fehma li l-appellanti ma għandha ebda interess ġuridiku minħabba li r-regolament ikkontestat jikkjarifika li l-"Edam" fih imsemmija huwa isem ġeneriku. Il-formulazzjoni inkwistjoni użata fir-Regolament hija, madankollu, tawtoloġika biss. L-annullament tar-regolament ta' reġistrazzjoni, kuntrarjament għall-fehma tal-Qorti Ġenerali, jagħti vantaġġ lill-membri tal-appellanti u jiġġusitifka l-interess ġuridiku tagħhom. Għal din ir-raġuni, ir-rikors huwa ammissibbli. Għall-istess raġuni, huwa wkoll fondat. Il-kjarifika mitluba ġiet awtorizzata mill-parti Olandiża li ressqet it-talba. Il-Kummissjoni aġixxiet b'mod żbaljat meta ma wettqitx il-kjarifika.

It-tieni aggravju: L-appellanti argumentat li l-membri tagħha kienu tradizzjonalment ibiegħu l-ħalib fil-Pajjiżi l-Baxxi, li seta' jiġi pproċessat f'Gouda jew f'Edam u li probabbilment kien jiġi pproċessat f'Gouda jew f'Edam. Minn dan, il-Qorti Ġenerali ma ddeduċiet l-ebda interess ġuridiku. Dan l-argument huwa fattwalment inkorrett. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti, għaliex is-sottomissjonijiet kienu korretti. Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, l-oppożizzjoni u r-rikors tal-appellanti ma kinux ippreżentati għall-"produtturi tal-ħalib". Għalhekk, kien hemm ukoll żnaturament tal-fatti, minħabba li l-oppożizzjoni saret f'isem il-membri tal-appellanti, sa fejn dawn jipproċessaw il-ħalib (il-ħalib mibjugħ fil-Pajjiżi l-Baxxi huwa ħalib ipproċessat) u jbiegħu l-ħalib jew il-ġobon.

It-tielet aggravju: Il-Qorti Ġenerali hija tal-fehma li ċ-ċaħda tal-oppożizzjoni hija bbażata fuq il-fatt li l-appellanti ma kellhiex interess ġuridiku. Dan minħabba li l-oppożizzjoni ma kellhiex issir mill-appellanti iżda mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Dan ma jikkorrispondix għas-sitwazzjoni ġuridika applikabbli fir-rigward tar-Regolament bażiku Nru 510/2006 ([2]), u kuntrarjament għal dak li tikkunsidra l-Qorti Ġenerali, din il-kwistjoni għadha ma ġietx deċiża minn din il-qorti fir-rigward tar-Regolament bażiku. Bejn ir-Regolament bażiku Nru 510/2006 u dak preċedenti għalih, ir-Regolament (KEE) Nru 2081/92 ([3]), hemm differenzi li l-Qorti Ġenerali ma evalwatx u li fi kwalunkwe każ ikollhom il-konsegwenza li l-partijiet li jopponu, bħall-appellanti f'din il-kawża, jasserixxu d-drittijiet tagħhom stess ta' oppożizzjoni.

Ir-raba' aggravju: Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-appellanti li s-siġill-IĠP blu tal-UE jagħti vantaġġ kompetittiv lill-produtturi Olandiżi fuq il-membri tal-appellanti. Dan huwa żbaljat. Jeżisti vantaġġ kompetittiv, u dan jiġġustifika l-interess ġuridiku tal-membri tal-appellanti li jaraw li jiġi annullat ir-regolament ta' reġistrazzjoni.

([1]) ĠU L 317, p. 14.

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006, tal-20 ta' Marzu 2006, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU 2008, L 335M, p. 213).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92, tal-14 ta' Lulju 1992, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 13, p. 4).

Appell ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2014 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fid-9 ta' Settembru 2014 fil-Kawża T-461/12 – Hansestadt Lübeck vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-524/14 P)

(2015/C 026/21)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche, R. Sauer, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Hansestadt Lübeck, li kienet Flughafen Lübeck GmbH